**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 23 ta' Mejju, 2017

Rikors Guramentat numru : 123/16 AL

**A B**

**vs**

**1) C D f'isimha propju u bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri J D;**
**2) K (K-L) D u**
**3) Id-Direttur tar-Registru Pubbliku.**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1) Illi l-intimati l-konjugi C u K (K-L) D miz-zwieg taghhom, propju nhar l-ghaxra ta' Dicembru 2013, twieled il-minuri J D.

Certifikat tat-Twelid hawn anness bin-numru sitta, disgha, hamsa, zbarra, elfejn u erbatax (695/2014) u mmarkat Dok 'A';
2) Illi l-rikorrent u l-intimata C D madwar disa’ xhur qabel it-twelid tal-imsemmi minuri kellhom relazzjoni intima bejniethom u ghalhekk l-rikorrent huwa minghajr ebda dubju l-missier bijologiku tal-imsemmi minuri;
3) Illi safejn hu konsapevoli r-rikorrent f’dak iz-zmien l-intimati, l-konjugi D, kienu ghaddejjin minn problemi matrimonjali u ghaldaqstant ma kienx qed ikollhom rapporti intimi bejniethom. In fatti l-intimati l-konjugi D ilhom separati *de facto* minn xulxin ghal dawn l-ahhar sentejn;
4) Illi ghalhekk l-intimat K (K-L) D ma jistax ikun missier il-minuri J D, peress illi hu u l-intimata l-ohra, C D, ma kellhomx rapporti intimi bejn it-tliet mitt gurnata (300) u l-mija u tmenin (180) gurnata qabel it-twelid tal-minuri J D;
5) Illi in oltre, sabiex jigi mnehhi kull dubju dwar il-paternita` tal-minuri J D, ir-rikorrent issottometta ruhu ghat-test tad-D.N.A. Illi minn dan it-test, liema test sar minn Dr. Marisa Cassar ta' Malta Life Sciences Park, San Gwann Industrial Estate, San Gwann, jirrizulta li l-rikorrent huwa missier l-imsemmi minuri. Kopja tat-Test tad-D.N.A. immarkat bhala Dok 'B';
6) Illi in oltre, r-rikorrent jirrileva li din l-azzjoni, stante l-fatt li ghaddew aktar minn sitt (6) xhur mit-twelid tal-minuri J D, kellha tkun preceduta minn rikors quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ai termini tal-artikolu 77C tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi din l-Onorabbli Qorti hatret lill-Avukat tat-Tfal, Dr. Stephanie Galea, sabiex tisma' l-partijiet interessati kollha u qieset id-drittijiet tar-rikorrent u tal-minuri J D, liema partijiet instemghu mill-imsemmija Avukat tat-Tfal. Illi sussegwentement din l-Onorabbli Qorti tat l-awtorizazzjoni taghha ghall-procediment tal-azzjoni odjerna permezz ta' Digriet datat 24 ta' Mejju 2016. Kopja tad-Digriet tinsab hawn annessa u mmarkata bhala Dok 'C';
7) In oltre, ir-rikorrent qieghed jipprezenta l-Affidavit tieghu ma' dan ir-Rikors Guramentat, liema Affidavit huwa mmarkat bhala Dok 'D';
8) Illi ghalhekk qed issir l-prezenti procedura sabiex;

(i) Fl-ewwel lok jigi stabbilit u ddikjarat illi l-minuri J, maghruf bil-kunjom D, huwa effettivament l-iben naturali tar-

rikorrent A B u mhux iben l-intimat K (K-L) D kif indikat fl-Att tat-Twelid tieghu;

(ii) Konsegwentament jigi korrett l-Att tat-Twelid tal-imsemmi minuri sabiex jirrifletti din il-verita` dwar il-paternita` taghha;

Talab in vista tas-suespost li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi r-rikorrent, A B, huwa l-missier naturali u bijologiku tal-minuri J, maghruf bil-kunjom D, u konsegwentement;
2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaffettwa l-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid tal-minuri J D billi fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom missier il-minuri jigu kkancellati l-kliem "K (K-L) D" u jigu sostitwiti b'isem u kunjom l-attur u cioe` "A B" u tordna ukoll illi l-partikolarijiet relattivi ghall-professjoni, sengha jew stat iehor, ghall-eta`, ghall-post tat-twelid u residenza, u ghal isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirreferu ghal missier il-minuri, jigu korretti kontestwalment billi jigu sostitwiti b'dawk il-partikolarijiet li sejrin jirrizultaw waqt is-smiegh tal-kawza;
3. Tordna li l-kunjom tal-minuri mil-lum 'il quddiem jibda jinqara "B";
4. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jekk ikun il-kaz, il-korrezzjoni f'kull att iehor relattiv u sussegwenti ghal tali certifikat tat-twelid;

Bl-ispejjez kontra l-intimati, jew min minnhom, ingunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li permezz taghha eccepixxa : (fol. 25)

1. Illi bla preġudizzju għas-suespost preliminarjament l-esponent jirrileva li, fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternità tal-minuri J D, l-esponent naturalment mhuwiex

edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi bla ħsara għal premess, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti jrid jipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid ta' J D, l-intimata C D kienet wettqet adulterju mal-attur A B u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor li jistà wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi li jeskludu lir-raġel tal-intimata C D bħala l-missier naturali tal-imsemmi J D, u dan *ai termini* tal-**artikolu 77A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

3. Illi għalkemm ir-rikorrent ippreżenta r-rapport ta' testijiet ġenetiċi *ai termini* tal- **Artikolu 70A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta,** li jindika li huwa l-missier naturali tal-minuri J D, dan l-imsemmi rapport jonqos li jiġi maħluf mit-tekninku Dr. Marisa Cassar;

4. Illi, dejjem mingħajr preġudizzju għal premess, ir-rikorrenti jrid fl-istess waqt jegħleb il-presunzjoni legali maħluqa bis-saħħa tal-**Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** billi adegwatament u konvinċentement juru li l-pussess ta' stat tal-minuri J D ma jaqbilx mal-att tat-twelid tiegħu;

5. Illi dejjem bla ħsara għal dak fuq premess, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, l-esponent jinvita lill-istess A B sabiex permezz ta' nota jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-Identità, (3) l-età tiegħu meta twieled il-minuri J D, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta' residenza tiegħu meta twieled l-imsemmi J, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieled it-tifel J D. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferit J D bin-numru progessiv 695 tas-sena 2014;

6. Illi bla preġudizzju għas-suespost il-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandu

jassumi J D a tenur tal-**Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

7. Illi subordinatament, dejjem bla ħsara għal dak fuq imsemmi, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti huwa importanti li l-kelmiet '*the said*' li jinsabu qabel isem K (K-L) D, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm għandhom ukoll jiġu kkanċellati mill-Atti tat-Twelid bin-numru tar-reġistrazzjoni 695 tas-sena 2014;

8. Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u għalhekk huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed jiġi inġunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat illi l-konvenuti C D u K (K-L) D, minkejja li ġew debitament notifikati, ma ppreżentaw ebda risposta ġuramentata iżda ppreżentaw nota[1] illi permezz tagħha huma ammettew it-talbiet attriċi iżda kontendew li m'għandhomx ibatu l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri. Huma ppreżentaw ukoll l-affidavits rispettivi tagħhom.

Rat illi l-Qorti għandha quddiemha talba da parti tar-rikorrent relatata mal-paternita' ta' J D, stante li l-attur jikkontendi li minkejja li J twieled nhar l-10 ta' Diċembru 2013[2] u cioe' fi zmien meta l-intimati C D u K (K-L) D kienu għadhom legalment miżżewġin, l-istess J mhuwiex iben l-imsemmi K (K-L) iżda huwa ibnu. Proprju minħabba l-preżunzjonijiet legali naxxenti

---

[1] Nota ta' Josephine Bowell fol.12 u nota ta' Elton (Elton-Lawrence) Bowell fol. 15

[2] Ara ċ-ċertifikat tat-twelid esebit a fol. 5 tal-proċess

mil-liġi, l-istess J ġie mniżżel bħala l-wild naturali tal-intimat K (K-L) D, qua żewġ omm it-tarbija. Għalhekk permezz ta' din il-kawża, r-rikorrent qiegħed jitlob lill-Qorti sabiex tiddikjara li l-imsemmi K (K-L) D m'huwiex il-missier naturali ta' J u sabiex sussegwentement isiru l-korrezzjonijiet neċessarji fiċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu billi l-konnotati ta' K (K-L) D jiġu kkanċellati minn fuq l-istess ċertifikat u jiġu sostitwiti bil-konnotati tal-attur bħala l-missier.

Rat is-Subtitolu I tat-Titolu II tal-Kodiċi Ċivili[3], illi jirrigwarda il-filjazzjoni tal-ulied imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ, partikolarment l-Artikolu 77A, illi fuqu hija msejsa l-kawża odjerna. Dan jistipula:

> ***"77A. Bla ħsara għal dak li jiddisponi l-artikolu 81, kull min jgħid li huwa l-missier naturali ta' tifel mwieled fiż-żwieġ, jew il-werrieta tiegħu jekk huwa jkun miet qabel ma jitwieled it-tifel, jista' jmexxi b'rikors ġuramentat quddiem il-qorti kompetenti kontra l-mara, ir-raġel u t-tifel, jew il-werrieta rispettivi tagħhom jekk xi ħadd minnhom ikun mejjet, sabiex huwa jiġi dikjarat bħala l-missier naturali tat-tifel u dan jekk kemm-il darba huwa jirnexxilu jipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u t-tmenin ġurnata qabel it-twelid tat-tifel il-mara kienet wettqet adulterju miegħu u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jeskludu lir-raġel tagħha bħala l-missier naturali tat-tifel."***

Rat illi l-attur permezz ta' digriet iddatat l-24 ta' Mejju 2016[4], kiseb l-awtorizzazzjoni ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta, ai termini tal-Artikolu 77C tal-Kodiċi Ċivili, sabiex jipproċedi bil-kawża odjerna minkejja t-trapass ta' sitt xhur mit-twelid tal-minuri J D.

---

[3] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta

[4] Fol. 10

Rat illi mill-atti jirriżulta illi l-attur A B (K.I.31279M) huwa l-missier naturali ta' J D imwielded lill-konvenuta C D nhar l-10 ta' Diċembru 2013, u dana kif ġie stabbilit mit-testijiet ġenetiċi ta' paternita` redatti minn Dr. Marisa Cassar[5].

Rat l-affidavit[6] tal-istess attur fejn huwa xehed kif lejn l-aħħar tas-sena 2012 huwa ltaqa' mal-konvenuta C D li kienet ser tibda l-proċeduri ta' separazzjoni minn ma' żewġha K. Huma bdew relazzjoni intima bejniethom u għall-ħabta ta' Mejju 2013, C infurmatu illi kienet tqila. Fil-fatt, f'Diċembru 2013 hija welldet tifel li ngħata l-kunjom ta' żewġha stante li dawna kienu għadhom m'humiex separati. Żewġ C u cioe l-konvenut K D, ukoll kien tal-fehma li hu ma kienx missier it-tarbija u għalhekk fis-sajf 2015, kien avviċina lill-attur waqt li kien Birżebbuġa u qallu biex jaqleb it-tifel fuq ismu. Minn hemmhekk l-attur beda jtella' u jniżżel jekk jagħmilx it-test tad-DNA fejn fl-aħħar dan it-test sar, minn fejn irriżulta li l-attur huwa missier il-minuri J.

Rat l-affidavit tal-intimata[7] fejn hija kkonfermat illi l-minuri J huwa frott ta' relazzjoni li hija kellha mal-attur fis-sena 2013. Hija tixhed li minkejja li t-tifel huwa rreġistrat bħala iben K D, l-istess K ma jistax ikun missieru għaliex fiż-żmien tal-konċepiment tiegħu iż-żwieġ tagħhom kien diġa sfaxxa u ma kienx qed ikollhom rapporti intimi.

Rat l-affidavit tal-intimat K (K-L) D[8] fejn huwa spjega li ilu miżżewweġ lill-intimata C D għal tmintax-il sena iżda dan l-aħħar huwa telaq mid-dar matrimimonjali. Meta martu qaltlu li kienet tqila, mill-ewwel kien dubjuż kemm huwa seta' kien missier it-tarbija. Iżid illi l-attur kien diġa ħallsu għall-ispejjeż li huwa għamel għat-trobbija tal-minuri.

Rat in-nota tal-attur[9] illi permezz tagħha huwa ppreżenta d-dettalji tiegħu fid-data tat-twelid tal-minuri.

---

[5] Rapport esebit fol. 6 u l-affidavit tagħha jinsab ukoll esebit fol. 32
[6] Fol. 11
[7] Fol. 14
[8] Fol. 16
[9] Fol. 35

Rat illi l-kawza tħalliet għas-sentenza għallum;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-attur, meta ntavola l-kawża odjerna, mexa mal-formalitajiet kollha imposti mil-liġi.

Illi fil-mertu, l-każ kollu jdur jekk ir-rikorrent irnexxilux jipprova sal-grad rikjest mil-liġi li J huwa l-wild naturali tiegħu u konsegwentement jipprova li hemm lok li jiġu megħluba l-preżunzjonijiet legali emanenti fil-liġi u li għall-anqas waħda miċ-ċirkostanzi komminati f'Artikolu 77A tal-Kodiċi Ċivili, ġja ċċitat, ġiet ippruvata.
L-aqwa prova f'kawżi bħal din huma t-testijiet xjentifiċi u ġenetiċi, li fil-każ odjern ikkonfermaw illi l-attur huwa il-missier bijoloġiku ta' J D. It-test xjentifiku, hekk kif ikkonfermat bil-ġurament, jegħleb kull preżunzjoni legali relatata mal-paternita' tat-trabi mnissla fiż-żwieġ u jelimina kull dubju dwar l-istess paternita'. Għaldaqstant, il-provi miġjuba quddiem il-Qorti juru bl-aktar mod ċar u inekwivoku li J huwa l-wild naturali tar-rikorrent u mhux tal-intimat K (K-L) D. Illi għalhekk il-Qorti tara li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex tilqa' it- talbiet attriċi.

Illi rigward il-kunjom li għandu jassumi J, l-attur permezz ta' nota ppreżentata fl-atti[10], ikkontenda illi l-minuri għandu jassumi l-kunjom B. Din it-talba m'hix qed tiġi kkontestata minn omm il-minuri. Il-Qorti kkunsidrat li l-minuri għadu ta' eta` tenera ta' tliet snin snin, u għalhekk mhux ser ikun ta' detriment għalih li jibdel kunjomu fi stadju daqshekk bikri fil-ħajja. Illi għalhekk ma ssib ebda oġġezzjoni li l-minuri jassumi l-kunjom ta' missieru naturali, B. Għaldaqstant, il-Qorti, bl-applikazzjoni tat-tielet proviso tal-Artikolu 77C tal-Kodiċi Ċivili, qiegħda tawtorizza lil J sal-lum magħruf bħala D, biex jassumi l-kunjom B.

[10] Fol. 36

**DEĊIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża u tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenuti billi:

1. Tiddikjara illi J D m'huwiex il-wild naturali u bijoloġiku tal-konvenut K (K-L) D; iżda huwa l-wild naturali u bijoloġiku tal-attur A B;

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex iħassar minn fuq iċ-ċertifikat tal-twelid innumerat sitt mija u ħamsa u disgħin tas-sena elfejn u erbatax (695/2014), kwalsiasi konnotazzjoni li tirreferi għall-konvenut K (K-L) D, kif ukoll il-kliem "the said" mill-konnotati tal-omm; Minflok, fil-kolonna bid-dettalji tal-missier, iniżżel id-dettalji tal-attur kif jirriżultaw min-nota a fol. 35 tal-proċess;

3. Tordna illi J sal-lum magħruf bħala D, jassumi l-kunjom B.

Bl-ispejjeż ikunu sopportati mill-attur A B, stante l-ftehim eżistenti bejn il-partijiet dwar il-kap tal-ispejjeż[11].

[11] Kif verbalizzat fl-udjenza tat-8 ta' Marzu 2017, fol. 42